MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 465/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Zarb)**

**vs**

**Mohammed Tensi**

**Illum 12 ta' Settembru, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mohammed Tensi, ta' 24 sena, ta' nazzjonalita` Algerina, iben Mourad u Linda xebba Aitahab, imwieled Algiers fis-17 ta' Marzu 1981, ta' passaport mhux maghruf u minghajr indirizz fiss,

prezentement mizmum fic-centru ta' detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana fejn gie akkuzat:

Talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Mejju 2005 ghall-habta ta' nofs il-lejl gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana, bhala persuna mizmuma skond il-Ligi, harab minn post ta' kustodja, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, liema harba saret bi ksur tal-post imsemmi,

Talli matul l-istess lejl gewwa l-Belt Valletta, ghamel offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 94 Jack Farrugia u PC 942 Saviour Chircop, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, kif iccertifikat Dr Patricia De Gabriele M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana,

Talli matul l-istess lejl, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fil-'perimeter fence' tac-centru ta' detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana kif ukoll fl-uniformi ta' PC 942 Saviour Chircop, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin Lira Maltin imma hija izjed minn ghaxar Liri Maltin, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta,

Talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nhar is-7 ta' Frar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SZP 1 u nnutat li l-imputat iddikjara, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb, li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mid-Difiza u mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti hi tal-fehma li rigward l-ewwel akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, tali akkuza tirrizulta b'mod sodisfacenti.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-Istqarrija ta' l-imputat (DOk SMI 6) li tinsab minn fol. 36 sa 38 tal-Process u sejra ticcita brani minn din l-Istqarrija:

"M. Nhar il-Hadd 22 ta' Mejju inti ngibt gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija fil-Floriana wara li skontajt sentenza ta' habs, u dan minhabba li gejt dikjarat bhala immigrant projbit. Minnu dan?
T. Immigrant projbit xi tfisser?
M. Jigifieri persuna li kontrih inharget ordni biex jitkecca minn Malta. Veru dan?
T. Iva
M. Il-bierah f'xi hin qabel nofs il-lejl int hrabt minn hawn?
T. Ehe.
M. X'wasslek biex taghmel dan?
T. Jien ghadni hiereg minn tlett snin habs u iddejjaqt. Ergajt spiccajt f'habs iehor." ……………………….. "Jien kif gejt hawnhekk hadta bi kbira li wara sentejn u nofs ma kontx hadtha ta' refugjat u ghamilt il-hsieb li nahrab ghax ma flahtx nissaporti izjed.
M. Il-bierah minn fejn hrigt int sibna x-xibka tal-fence imqatta. Dik inti ghamiltha? U jekk iva ghenek xi hadd?
T. Jien ghamiltha wahdi.
M. Uzajt xi ghodda?
T. Ma nwegibx.
M. Xi hadd gablek xi ghodda?
T. Le.
M. Biex inzilt mas-sur uzajt habel maghmul minn lozor marbuta ma xulxin. Dak int ghamiltu?
T. Iva jien.
M. Ghenek xi hadd biex ghamiltu?
T. Le."
"……………………………………………………"
"M. int zgur li hadd mill-immigranti l-ohra li hawn fic-centru ma ghenek?
T. Zgur.

M. Jekk nghidlek li mieghek kien hemm il-hsieb u kontu mifthiemin li jaharbu immigranti ohrajn xi tghid?
T. Le."
"……………………………………………………"
"M. Tixtieq izzid xi haga?
T. Jiddispjacini ta li ghamilt u skuzawni."

Issa l-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni li taha l-imputat minn jeddu fis-Seduta tal-24 ta' Awissu, 2005.

"Nghid illi fit-23 t'a Mejju 2005 kienu gabu wiehed hemmhekk bhala detenut u li jien nafu u dan jismu Hadi Nusi Abjad. Nghid dan kont nafu l-habs u dan lili kien qalli li dak il-lejl hu kien ser jahrab. Jien staqsejtu kif kien sejjer jaghmel hekk u hu kien qalli li kif ilesti kollox kien sejjer jigi jghidli beix naharbu flimkien. Ghal xil-hdax ta' bil-lejl (11pm) tat-23 ta' Mejju 2005 gie qalli biex immur mieghu halli naharbu. Kif morna fejn il-fench hu kien fetah toqbda dan Hadi u huwa rabat habel ta' lozor u dendlu ghal isfel biex ninzlu b'dan il-habel tal-lozor. Jien ghidtlu biex nohrog jien l-ewwel. Kif hrigt mit-toqba rani l-pulizija li ghadu kif xehed illum l-pulizija Borda. Hu kien qiegħed fuq in-naha fejn semma fix-xhieda tieghu. Kif rani huwa gie jigri imma jien ilhaqt qibzt. Nixtieq nghid illi jien fl-istatement kont ghidt illi t-toqba kont ftahtha jien, fil-fatt ma kontx ftahtha jien imma kien fetahha dan siehbi Hadi pero` jien fl-istatement kont ghidt hekk ghaliex ma ridtx nikxfu. Nghid pero` siehbi Hadi ma kellux jghaddi mit-toqba ghax kienu diga` gew il-pulizija fuq il-post. Nghid illi jien imbaghad inzilt dan il-habel tal-lozor pero` ma kienx twil bizzejjed u naf li jidhirli zlaqt u imbaghad weggajt sieqi u imbaghad irnexxieli nahrab."

In kontro ezami l-imputat fl-istess Seduta, *inter alia*, qal:

"Nikkonferma li jien kont irrilaxxjajt stqarrija lill-Ispettur Sandro Zarb. Nixtieq nghid illi meta dak siehbi Hadi qalli li hu xtaq jahrab jien kont irrispondejtu li anke jien xtaqt nahrab. Nghid ianzi fil-fatt xi tlett ijiem wara li kienu qabdu lili dan Hadi kien harab u ghadu mahrub sal-lum. Nghid illi jien imbaghad wara li kienu ressquni l-qorti u haduni lura lili kienu haduni fic-centru ta' detenzjoni u dan Hadi kien

kellimni u qalli jekk ridtx nerga' nahrab mieghu u jien ghidtlu li ma stajtx ghax kont qieghed bil-krozzi. Dan kien xi tlieta jew erbat ijiem wara li lili kienu qabduni l-pulizija u imbaghad hu kien harab. Nikkonferma li wara din il-harba jien kont ergajt ippruvajt nahrab minn dal-istess post. Nghid illi jien dakinhar ma kxiftux lil Hadi ghax kienu ghadu gewwa u allura kieku qieghed mieghi il-qorti. Jien illum iddecidejt li nikxfu ghax issa hadi harab."

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami akkurat tal-Istqarrija tal-imputat u tal-verzjoni differenti li l-istess imputat taha fid-deposizzjoni tieghu fis-Seduta tal-24 ta' Awissu 2005 u fid-dawl tal-kumpless tal-provi prodotti il-verzjoni tal-involviment ta' Hadi hi espedjent komdu sabiex l-imputat ikun jista' jixhet dubbju dwar is-sussistenza ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu stante l-element tal-ksur. Difatti issa hu konvenjenti li l-imputat isemmi lill-Hadi issa li Hadi harab.

Il-Qorti tirrimarka li l-imputat mhux bniedem affidabbli u f'dan ir-rigward tissottolinja l-fatt li l-istess imputat spicca l-istqarrija tieghu billi qal: "Jiddispjacini ta li ghamilt u skuzawni." Issa li Hadi harab biddel drastikament dak li qal fl-Istqarrija tieghu!

Il-Qorti tistaqsi l-ghala l-imputat kif qal hu stess rigward Hadi in kontro ezami (Seduta tal-24 ta' Awissu 2005 fol. 114): "Nghid illi jien dakinhar ma kontx kxiftu lil Hadi ghax kien ghadu gewwa u allura kieku qieghed mieghi l-qorti", imbaghad a fol 115 tal-Process rigward detenut iehor jghid: "Nikkonferma li f'din it-tieni okkazjoni li jien ipprovajt nahrab wara l-okkazjoni li dwarha qieghed f'din il-kawza jien kont soffrejt xi griehi. F'din l-okazzjoni jien ksirt saqajja t-tnejn. Nghid illi f'din l-okkazjoni jien uzajt lizar biex nahrab pero` nghid illi kif jien iddendilt dna il-lizar inqata' u jien bqajt niezel s'isfel. Hadi kien diga `harab meta jien ippruvajt nahrab f'din it-tieni okkazjoni. Lili kien gheni wiehed detenut li hemm hemm gew u li dan huwa wiehed mind awk is-suwed li hemm. Dan peress li l-fence kif sewwejh u kien dan li lili fetahli l-fence f'din it-tieni okkazjoni. Jien lil dan nafu. Jien lil dan nghajjatlu bil-

elma l-iswed." Talli ghenu "l-iswed" ma jimpurtahx l-imputat li dan id-detenut jispicca l-qorti?

In kwantu ghar-raguni l-ghala l-imputat kien mizmum gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' l-Ispettur Mario Haber moghtija fit-28 ta' Gunju, 2005 fejn dan ix-xhud qal: "Nixtieq nghid illi fit-22 ta' Mejju ta' din is-sena 2005 jien hrigt removal order kontra l-imputat Mohammed Tensi li qed naghrfu prezenti fl-Awla peress li dan kien gie mehlus minn habs wara li dan kien skonta sentenza ghal tlett snin u nofs habs. Qieghed nesebixxi kopja ta' removal order li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok MHP 1. Din ir-removal order harget peress li l-imputat Mohammed Tensi kien wehel prigunerija ta' habs li kienet teccedi s-sena u skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni allura tinhareg removal order. Nghid illi persuna li tkun inhargitilha removal order suppost tkun mibghuta lejn pajjizha u peress li in kwantu ghall-imputat Mohammed Tensi m'ghandhiex passaport tieghu u bdejna proceduri biex ingibulu passaport ahna kellna nzommuh detenut fil-Headquarters tal-Pulizija. Jien qieghed nikkonferma li qed naghraf lil dan Mohammed Tensi bhala l-imputat prezenti fl-Awla."

Il-Qorti issa sejra taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' PC 142 Robert Borda moghtija fit-28 ta' Lulju, 2005 fejn ix-xhud, *inter alia*, qal:

"…………………wara ftit li sar dan l-argument kollu jien nara bniedem fil-kuridur fejn kont jien u nghid illi dan il-kuridur qieghed bejn il-fence u s-sur u nghid illi ahna bhala pulizija nkunu, jien dakinhar hemm kont, kont qiehged barra l-fence u cioe` fil-perimetru ta' barra l-fence bejn din il-fence u t-tarf tas-sur. Jien rajt lil dan l-immigrant f'dan il-perimetru. Jien kif rajtu dan mort nigri ghal warajh u dan sakemm wasalt lahaq qabizli ghal isfel u jien imbaghad sibt habel imdendel. Nghid illi jien dan il-bniedem li kien hemm fuq dan il-perimetru u dan qabizli jien naghrfu u qieghed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla."

"………………………………………"

"Nghid illi jien mindu dhalt fis-sebgha ta' filghaxija (7pm) ghaddejt diversi drabi fiz-zona fejn kien hemm din it-toqba gewwa l-fence u nghid illi jien cert li din it-toqba dak il-hin ma kenitx hemmhekk. Jien rajt din it-tobqa wara li l-imputat kien qabez ghal isfel tas-sur."

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li hi inkwadrata fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li anke din l-akkuza giet sufficjentement ippruvata. Rigward din l-akkuza l-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' PS 942 Saviour Chircop (Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005): "Ahna gharafna lil Mohammed Tensi li huwa kien qiehged bil-qeghda gewwa l-bar u dan kellu xi fliexken tal-birra quddiemu. Dak il-hin ahna identifikajna ruhna li ahna konna pulizija u ahna nfurmajnih li kien qed jigi arrestat. Huwa qam bil-wieqfa, lili xejjirli daqqa fuq wicci, fl-istess hin qabadni mill-qmis ta' l-uniformi u carratli l-qmis."

Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' l-Ispettur Raymond Cassar (Seduta tat-18 ta' Lulju, 2005) fejn dan *inter alia*, qal: " ……………. u jien kont wiehed minn ta' l-ewwel li ersaqt ghal fuqu u nghid illi kif ahna mill-ewwel identifikajna ruhna li ahna pulizija l-imputat sar isteriku mill-ewwel u beda jirrezistina. Fil-fatt kien hemm zewg pulizija u precizament PC 942 Saviour Chircop u PC 94 Jack Farrugia illi wara li l-imputat arrestajnieh u hadnieh il-lock up dawn gew ezaminati mit-tabib tal-poliklinika ghaliex kienu sofrew xi injuries".

Issir ukoll referenza ghal kontro ezami ta' PC 94 Jack Farrugia (Seduta tat-12 ta' Awissu, 2005) fejn dan, *inter alia,* qal: "Li naf zgur hu li hu beda jxejjer idu biex iwegga' lil xihadd". "…………………..". "Nixtieq nghid illi jien x'hin dhalt gol-bar u mort fuq l-imputat u nghid dan qlajt diversi daqqiet minghand l-imputat. Meta jien hrigt barra mill-bar il-pulizija kollegi tieghi qaluli biex nimsah idejja ghax kelli d-demm niezel ma jdejja l-leminija. Jien qabel ma mort f'dan il-bar ma kienx hemm okkazjoni dakinhar li jien stajt b'xi mod weggajt. Nghid illi jien meta l-imputat beda jxejjer idejh jien qlajt diversi daqqiet minghandu u nghid illi

l-imputat huwa persuna mibnija sew u d-daqqiet li jien qlajt hassejthom sew. Nghid illi l-uniku persuna li laqatni l-imputat, jien ma ntlaqatx minn xi oggetti jew li lqatt ma xi oggetti jew inkella fis-sena li laqtuni xi kollegi tieghi. Ghaldaqstant nissottometti li jien il-ferita li kelli kienet minhabba li laqatni l-imputat. Jien fil-fatt li rrizultali kien li kelli grif."

Dwar in-natura tal-griehi sofferti minn PC 94 Jack Farrugia u PC 942 Saviour Chircop il-Qorti tirreferi ghal Dok SMI 2 (Certifikat Mediku) rigward PC 942 u Dok SMI 3 (Certifikat Mediku) rigward PC 94. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghad-deposizzjoni ta' Dr Patricia Degabriele M.D. moghtija fis-Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005. In-natura tal-griehi rigward dawn iz-zewg pulizija hi wahda hafifa.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li hi inkwadrata fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hi tal-fehma li anke din l-akkuza tirrizulta b'mod sodisfacenti.

In kwantu ghal hsara volontarja kagunata mill-imputat fl-uniformi ta' PC 942 Saviour Chircop il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' l-istess PC 942 li fis-Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005, *inter alia*, qal: "Huwa qam bil-wieqfa, lili xejjirli daqqa fuq wicci, fl-istess hin qabadni mill-qmis ta' l-uniformi u carratli l-qmis". Hawn issir ukoll referenza ghal Dok SMI 9 a fol 48 tal-process fejn jirrizulta li total tal-hsara rigward l-uniformi tal-imsemmi PC 942 tammonta ghal tlett liri Maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm3.61). Ara wkoll d-deposizzjoni ta' PS 161 Anthony Cachia (Seduta tat-28 ta' Lulju, 2005). Rigward il-hsara volontarja maghmula mill-imputat fil-'perimeter fence' tac-centru ta' detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana l-Qorti tiddikjara li fid-dawl ta' dak espost f'din is-Sentenza rigward l-ewwel akkuza, il-Qorti hi tal-fehma li din il-hsara volontarja giet ukoll kagunata mill-imputat. Dwar l-ammont tal-hsara fl-imsemmija 'fence' il-Qorti taghmel referenza ghall-Dok SMI 8 a fol. 47 tal-Process fejn it-total imsemmi hu ta' hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm45) li kien jikkonsisti f'materjal u sieghat tax-xoghol. F'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghad-

deposizzjoni ta’ PC 551 Joseph Castagna (Seduta tat-28 ta’ Lulju, 2005).

In kwantu ghar-raba’ akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ir-recidiva l-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza wkoll giet ippruvata b’mod sodisfacenti. Rigward din l-akkuza il-Qorti tirreferi ghal Dok SMI 7 sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija mill-Magistrat Dr Consuelo Pilar Scerri Herrera datata 7 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet “Il-Pulizija Spettur Chris Pullicino versus Ali Mostafa Kabes, Mohammed Tensi” u id-deposizzjoni ta’ l-Ispettur Christopher Pullicino moghtija fit-28 ta’ Gunju, 2005.

Rat l-artikoli 152, 95, 221(1), 325(1)(c), 49, 50, 31 u l-ahhar proviso tal-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Mohammed Tensi hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi r-recidiva tal-imputat, l-gravita` tal-kaz u d-dmir li ghandha l-Qorti li tipprotegi l-harsien tal-ligijiet nostrani, tikkundanna lill-imsemmi imputat Mohammed Tensi ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u ghaxar xhur (10) prigunerija u tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm48.61) multa ekwivalenti ghall-hsara volontarja li saret mill-imputat fuq proprjeta pubblika u cioe` fil-‘perimeter fence’ tac-centru ta’ detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana kif ukoll fl-uniformi ta’ PC 942 Saviour Chircop.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------